MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2005

Numru 528/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**Vs**

Joseph Zammit

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet konta l-imputat Joseph Zammit ta' karta ta' identita' numru 431378M, akkuzat talli:

Fil-Gzira, f'xi hin bejn it-8:35 a.m. u 9:35 a.m. tal-5 ta' Lulju 2004, ikkommetta serq ta' mobile phone ta' l-ghamla Samsung S500 minn vettura Fiat Brava bin-numru tar-registrazzjoni KRN-080 liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi Lm100 izda li ma jeccediex Lm1000, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Kieron Bertram Bezzina minn San Giljan.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded lil imsemmi Kieron Bertram Bezzina minn San Giljan u persuni ohra b'arma li taqta u bil-ponta (turnavit).

Sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u mill-Qorti ta' l-Appell, liema sentenzi saru defenittivi u li ma jistghux iktar jigu mhassra.

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tigi deciza sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat f'din l-ewwel udjenza u seduta stante jammetti l-akkuzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat b'serq ikkwalifikat bil-mezz, valur u xorta tal-haga misruqa, b'theddid permezz ta' tornavit (arma li taqta u bil-ponta) u li hu recediv.

l-imputat jammetti l-akkuzi liema ammissjoni hi wahda volontarja u nkondizjonata u fl-liema ammissjoni l-imputat insista anka wara li din il-Qorti taghtu zmien jirrifletti.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddikjara u ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(g), 264, 270, 271(g), 278(1)(3), 279(1), 280(1), 339(b), 49, 50, 17, 31 tal-Kap 9 tikkundannah multa komplessiva ta' Lm50 u tapplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggih taht ufficjal tal-probation ghal zmien tlett snin mill-lum bil-kundizzjoni addizjonali u esplicita li jattendi "counselling" ma' l-agenzija Sedqa. Wara li semghet it-talba tal-imputat biex jinghata zmien ghall-hlas, rat l-Artikolu 14 tal-Kap 9, u tawtorizzah biex ihallas il-multa b'pagamenti ta' Lm10 fix-xahar, l-ewwel pagament fl-ahhar ta' Jannar u kull l-ahhar tax-xahar konsekuttiv u ininterrott bid-dekadenza fin-nuqqas u konvertibbli f'gimgha prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------